MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2014

Numru 643/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**Vs**

**Shemizen Scicluna**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Shemizen Scicluna ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, iben John u Michelle neè Zammit, imwieled Pieta' fl-20 ta' Marzu 1989 u residenti Binja Tas-Salvatur, Ent. B, Flt 4, Triq Luigi Pisani, Kalkara, detentur tal-Karta ta' l-Identita' Numru 138389(M) talli fil-lejl ta' bejn id-9 ta' Lulju 2014 u l-10 ta' Lulju 2014 fl-inhawi tal-Kalkara:

1. Ikkommetta serq ta' oggett u cioe' 3 landi diesel tal-25 litru liema serq, li sar ghad-detriment ta' Francis Schembri minn Swieqi u/ jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
2. Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex jbieghhom jew imexxiehom u cioe' 3 landi diesel tal-25 litru liema oggetti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-lok bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
3. Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura ta' l-ghamla Daewoo Racer bin-Numru tar-Registrazzjoni KBG 686 minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mill-Kumissarju tal-Pulizija jew xi awtorita kompetenti;
4. Fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura ta' l-ghamla Daewoo Racer bin-Numru tar-Registrazzjoni KBG 686 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni;
5. Kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza datata 28 ta' Marzu 2013 mill-Magistrat Dr.Edwina Grima;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura ta' l-ghamla Daewoo Racer bin-Nuru ta' Registrazzjoni KBG 686;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Rat illi l-ewwel u t-tieni akkuzi huma alternattivi ghal xulxin;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli fil-lejl ta' bejn id-9 ta' Lulju 2014 u l-10 ta' Lulju 2014 fl-inhawi tal-Kalkara: (i) ikkommetta serq ta' oggett u cioe' 3 landi diesel tal-25 litru liema serq, li sar ghad-detriment ta' Francis Schembri minn Swieqi u/ jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-hin, bil-lok bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa; (ii) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal sabiex jbieghhom jew imexxiehom u cioe' 3 landi diesel tal-25 litru liema oggetti gew minn serq ikkwalifikat bil-hin, bil-lok bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa; (iii) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura ta' l-ghamla Daewoo Racer bin-Numru tar-Registrazzjoni KBG 686 minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mill-Kumissarju tal-Pulizija jew xi awtorita kompetenti; (iv) fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi ghamel uzu minn vettura ta' l-ghamla Daewoo Racer bin-Numru tar-Registrazzjoni KBG 686 minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni; u li (v) kiser il-kundizzjonijiet moghtija lilu b'sentenza datata 28 ta' Marzu 2013 mill-Magistrat Dr.Edwina Grima.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-hames akkuzi dedotti kontra tieghu izda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta kontrih in kwantu hija alternattiva ghall-ewwel akkuza mibjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 263, 269, 270 u 271 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3(1) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuzi

migjuba fil-konfront tieghu izda tastejni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza dedotta kontra tieghu in kwantu alternattiva ghall-ewwel akkuza migjuba kontrih, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija izda peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussitu ragunijiet validi in bazi ghal liema tali terminu ta' prigunerija jigi sospiz ai termini tal-Ligi, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta tissosspendi dan it-terminu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija ghall-perijodu ta' erba' (4) snin b'effett millum.

A tenur ta' l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 28G tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti in oltre tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perijodu ta' erba' (4) snin mill-llum u dana skond u taht il-kudizzjonijiet li qed jigu imposti f'Digriet dwar Ordni ta' Supervizjoni moghti illum stess, liema Ordni qed jigi anness ma' din is-sentenza u ghandu jifforma parti integrali minnha. Il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem semplici l-effetti tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet dwar Ordni ta' Supervizjoni moghti llum kif ukoll il-konsegwenzi li jkun hemm f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' l-imsemmija kondizzjonijiet jew jekk jaghmel reat iehor waqt il-perijodu ta' Supervizjoni, u cioè li f'kaz ta' htija jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

In kwantu rigwarda l-hames akkuza, il-Qorti ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza u wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn u tletin Euro (€230), liema multa ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew li jikseb licenza tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il (12) xahar mid-data ta' din is-sentenza u a tenur ta' l-Artikolu 3(2)(c)(i) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura ta' l-ghamla Daewoo Racer bin-Numru ta' Registrazzjoni KBG 686.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------